**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 151/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Delia**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Wayne Delia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 574785M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Diċembru 2018, għall-habta ta' 23:30hrs f'CCF:

i) Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' CO 143 Noel Buttigieg u CO 54 Martin Callus, inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9.

ii) Kif ukoll attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb u kkaġuna ġriehi ħfief, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata - CO 143 Noel Buttigieg u CO 54 Martin Callus - skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta'

ordni mogħtija skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta sejbien ta' ħtija tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96 u 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Wayne Delia ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu piena ta' għaxar xhur ħabs kif ukoll multa ta' ħames t'elef (€5,000) Ewro.

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Delia, ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidum*, f'kaz li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' għaxar xhur priġunerija u ħamest elef ewro (€5,000) multa u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija nhar l-24 ta' Settembru 2021 fejn l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata ssollevat mill-appellant ġie miċħud u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fir-rigward tal-aggravji rimanenti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni dwar l-aggravji rimanenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi miċħud l-preġudizzjali mressaq mill-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, jifdal sabiex jiġu trattati l-aggravji rimanenti imqanqla mill-appellant, u ċioe dak konċernanti l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u sussegwentement dak konċernanti l-piena.

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti meta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dana għaliex wara li kkunsidrat l-elementi legali meħtieġa sabiex jissusistu r-reati ipoteżżati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni, imbagħad ma allaċċjatx dawn l-istess elementi mal-provi prodotti. Illi għal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi mill-atti probatorji jemerġu s-segwenti fatti:

i) Illi, nhar id-9 ta' Diċembru 2018 għall-ħabta tas-00:45, CO 54 Martin Callus irrapporta li huwa, flimkien ma' CO 143 Noel Buttigieg, li kienu *night shift* ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, marru jkellmu lill-appellant Wayne Delia billi dan kien qed jitlob għall-għajnuna medika għax kellu uġiegħ f'saqajh;

ii) Illi, l-uffiċjali tal-ħabs infurmaw lill-appellant li l-proċedura li kellha tiġi segwita kienet li l-priġunier in kwistjoni jirreġistra li jixtieq is-servizzi tat-tabib u kif dan ta' l-aħħar jidħol għax-xogħol, jipproċedi sabiex jinvistah. Jidher pero' li l-appellant ma kienx segwa dan il-proċess;

iii) Illi, hekk kif l-appellant sema' dan il-kliem, huwa ħebb għall-uffiċjali tal-Ħabs u wadbilhom il-komodina li kien hemm fiċ-ċella tiegħu, b'liema komodina huwa laqat lil CO 54 f'sieqū x-xellugija.

iv) Illi, dak il-ħin, l-appellant prova ukoll iħebb għall-uffiċjali fiżikament, fejn l-istess immanetjawh u ppruvaw jikkalmawh pero' huwa baqa' aggressiv magħhom, tant li fil-kommozzjoni CO 143 weġġa idu.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

v) Illi, l-appellant imbagħad ittieħed fl-imsejħa "*green room*", li hija ċella bla għamara, fejn hemmhekk l-istess appellant hedded lil CO 143 bil-familja tiegħu. Fl-istess kamra ukoll, l-appellant reġa sar aggressiv tant li kisser it-tieqa tal-*plastic*.

vi) Illi, ukoll, l-appellant beda jhedded li ser isabbat rasu mal-ħajt sabiex iweġġa' lilu nnifsu u minħabba f'hekk huwa ġie ukoll irreferut lejn l-iSptar Monte Carmeli.

vii) Illi, sussegwentement, nhar it-18 ta' Diċembru 2018, l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi, primarjament, dina l-Qorti tibda' billi tinnota li l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant ma ġietx ezebita fl-atti. Dak dikjarat mill-appellant lil pulizija investigattiv jinsab indikat unikament fil-*Current Incident Report*. Minn dak irrapurtat f'dan ir-rapport jidher illi meta ġie mitkellem mill-Pulizija, l-appellant ingħata biss id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni u dan meta f'dak iż-żmien u ċioe' f'Diċembru 2018, kien għadu kemm ġie introdott fis-sistema leġislattiva, permezz ta' l-Att LI tal-2016, u dana fit-28 ta'Novembru tas-sena 2016[2], id-dritt għall-presenza ta'l-avukat waqt l-interrogazzjoni.

Illi, mid-dikjarazzjoni ta' assistenza legali eżebita in atti, huwa evidenti li l-appellant ma ġiex mogħti il-jeddijiet kollha viġenti f'dak iż-żmien u allura ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu waqt l-interrogazzjoni. Huwa ndubitat illi, fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet, ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt, għandhom jiġu skartati billi huma nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju.

Illi l-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-istqarrija li l-appellant irrilaxxja dakinhar tat-18 ta' Diċembru 2018 ma ttieħditx skond il-Liġi u għalhekk dak li ntqal fl-istess ser jiġi

[2] A.L.401 tal-2016

skartat stante li jikkostitwixxi prova inammissibli u allura ser tistrieħ unikament fuq ix-xhieda mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti u l-verżjoni tiegħu tal-fatti hemmhekk irreġistrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jinsab mixli bir-reati ravviżati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali. Illi ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtieġa sabiex jinħmew iż-żewġ reati huma identiċi. Dan għaliex dawn ir-reati iridu neċessarjament jiġu kommessi fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1)filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qiegħed jeżerċita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:

> ***"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."***

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma jkunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi r-reat maħsub fl-artikolu 96, imbagħad, għalkemm ukoll għandu bħala il-vittma tiegħu, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew reżistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita' taħt din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli igħid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew reżistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi komess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku".

3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli igħid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deċiża minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fid-9 ta' Settembru 2002 hemm imgħallem:

> **"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".**

Illi, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali u ġurisprudenzjali, u applikati għal provi prodotti, jirriżulta ċar li l-appellant hedded lil wieħed mill-uffiċjali in kwistjoni, gwardjani fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll ikkawza lit-tnejn li huma ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tagħhom. Dan l-aġir aggressiv u ta' insubordinazzjoni seħħ fl-istanza meta kien l-appellant li talab għall-għajnuna tagħhom billi allega li kien qed iħossu ma jiflaħx u meta dawn ma tawhx dik it-tweġiba li kien qed ifittex u ipprovdewlu l-għajnuna medika fil-pront huwa sar aggressiv fil-konfront tagħhom. Dan ifisser allura li l-aġir inkriminatorja ma seħħx filwaqt li l-uffiċjali kienu qed jaġixxu fl-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħtija lilhom bis-saħħa tal-liġi minn xi awtorita', iżda l-oltraġġ seħħ fil-parametri ravviżati fl-artikolu 95 u ċioe' fil-waqt li l-uffiċjali kienu qed jaqdu dmirijiethom u jagħmlu ix-xogħol tagħhom ġewwa il-Faċilita'. L-appellant stess jikkonċedi li huwa filfatt imbotta l-komodina taċ-ċella tiegħu fid-direzzjoni tal-uffiċjali avolja mbagħad ikompli jtenni li ma jafx jekk laqatx lil xi ħadd bl-istess. Dan għamlu sabiex jipprotesta ruħu għall-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna medika li kien qed jitlob fil-pront u mhux għaliex kien qed jirresisti lil uffiċjali milli jeżegwixxu il-liġi jew xi ordni mogħtija mis-superjuri tagħhom.

Illi, fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jikkontendi li s-sentenza appellata hija sajma minn eżami tal-provi marbuta mal-fatt illi l-vittma tar-reat kien uffiċjal pubbliku, f'hix kienet tikkostitwixxi t-theddida jew offiza kkawżata u minn fejn irriżulta li r-reat sar waqt li l-istess uffiċjal kien qed jagħmel servizz pubbliku. Illi l-ġurisprudenza hija konsoni meta tgħallem illi ma hux meħtieġ illi jkun hemm konsiderazzjonijiet dettaljati f'sentenza, u f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti ġabret il-konsiderazzjonijiet tagħha b'mod ċar fejn qalet li kienet qed tagħti affidament lill-verzjoni tal-parti offiża, u dan fid-dawl tal-provi l-oħra prodotti li jsaħħu din il-verżjoni, aktar milli dik mogħtija mill-appellant, sabiex b'hekk l-elementi rikjesti mill-Liġi sabiex jissusisti r-reat ikkontemplat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali kienu sodisfatti.

Illi, din il-Qorti żżid billi tgħid li prova li l-uffiċjali in kwistjoni kienu uffiċjali pubbliċi u li fil-ħin tal-inċident huma kienu qed jagħmlu servizz pubbliku, tirriżulta indubbjament ippruvata mix-xhieda ta'l-uffiċjal Helenio Galea ta' nhar is-17 ta' Mejju

2021, fejn l-istess jikkonferma illi Martin Callus ilu impjegat ġewwa il-Faċilita' mill-1 ta' Ġunju 2000 filwaqt li Noel Buttigieg ilu hekk impjegat sa mis-27 ta' Settembru 2004. Jikkonferma ukoll li dakinhar tat-8 ta' Diċembru 2018, l-istess uffiċjali kienu xogħol fix-xift ta' bil-lejl ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. *In oltre*, prova tat-theddid li sar mill-appellant inġabet permezz tax-xhieda taz-zewġ uffiċjali kkonċernati li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-appellant qal lil CO 143 sabiex jieħu ħsieb lill-mara u t-tfal tiegħu. Ukoll, prova tal-ġrieħi subiti miz-zewġ uffiċjali tal-ħabs minħabba fl-inċident li ipprovoka l-appellant, tirriżulta fost oħrajn minn dak iċċertifikat fiċ-ċertifikati mediċi eżebiti mill-Prosekuzzjoni kif ikkonfermati permezz ta'l-affidavits rispettivi tat-tobba li jikkonfermaw li ż-żewġ uffiċjali sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa, liema grieħi huma kompatibbli mal-agressjoni subita.

Esposti dawn il-fatti probatorji għalkemm huwa indubitat illi l-fattispeċje tal-każ jinkwadraw ruħhom perfettament fl-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat maħsub fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi tirriżulta il-ħtija ukoll għar-reat ravviżat fl-artikolu 96 u dan ghar-raġunijiet hawn fuq esposti, u għalhekk l-appellant għandu jiġi lliberat mit-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment għalkemm l-appellant ma ressaqx aggravju formali marbut mal-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti, madanakollu fit-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell huwa jitlob varjazzjoni fil-piena subordinatament għat-talbiet fil-mertu. Illi in vista tal-fatt illi l-Qorti ser tgħaddi biex tillibera lill-appellant mit-tieni imputazzjoni u fid-dawl tax-xiehda mogħtija minn Maria Caruana mill-Komunita' Sant'Anna hemm lok għal varjazzjoni fil-piena u dan ukoll għaliex jirriżulta lil din il-Qorti, issa fi stadju ta' reviżjoni, illi l-appellant, wara ħajja mifnija bil-vizzju tad-droga, liema vizzju wasslu fit-triq tal-kriminalita' kif tixhed il-fedina penali voluminuża tiegħu, illum qiegħed miexi sew fid-direzzjoni ta' riforma sħiħa. Dan magħdud, madanakollu, ghalkemm il-Qorti fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi fil-ħajja tal-appellant

tqis illi perijodu ulterjuri ta' inkarċerazzjoni mhux ser iservih ta' ġid, madanakollu għandha idejha marbuta billi hija prekluża milli tapplika piena alternattiva għal dik ta'l-inkarċerazzjoni u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali. Tagħmel rakkomandazzjoni lid-direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin illi lill-appellant jiġi konċess il-jedd li ikompli isegwi il-program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju atd-droga li bħal issa qiegħed isegwi u dan sabiex ma jitlifx is-suċessi li kiseb sa issa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn sabitu ħati ukoll tat-tieni imputazzjoni u tgħaddi biex tilliberah mill-istess. Tvarja l-piena inflitta u tikkundannah għal perijodu ta' seba' xhur priġunerija u ħlas ta' multa ta' €800. Taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellant ikompli isegwi il-program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li bħal issa jinsab fih.**

**Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**